

*Appellat*: Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: inizjalment minn P. Embley u E. Carlini, u finalment minn E. Carlini u M. López Torres, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

### Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Settembru 2011, *Heath vs BĊE* (F-121/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

### Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Michael Heath għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk imġarrba mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-kuntest ta' din l-istanza.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 65, 3.3.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2013 — VIP Car Solutions vs Il-Parlament

(Kawża T-668/11) (<sup>1</sup>)

*(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti Komunitarja — Trasport tal-membri tal-parlament Ewropew fil-karozza u fil-minibus bis-sewwieq matul il-perijodu ta' sessjoni fi Strasbourg — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda mill-Qorti Ġenerali — Dannu allegatament sostnut wara d-deċiżjoni li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti — Rikors għad-danni”)*

(2013/C 225/166)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Rikorrenti*: VIP Car Solutions SARL (Hoenheim, Franza) (rappreżentant: G. Welzer, avukat)

*Konvenut*: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: inizjalment G. Hellinckx u M. Mraz, sussegwentement L. Darie u M. Mraz, aġenti)

### Suġġett

Rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu materjali u morali allegatament sostnut mir-rikorrenti wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, li tiċħad l-offerta li hija ssottomettiet fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti PE/2006/06/UTD/1, li tikkonċerna t-trasport tal-membri tal-Parlament fil-karozza u fil-minibus bis-sewwieq matul il-perijodi ta' sessjoni fi Strasbourg, billi din id-deċiżjoni ġiet annullata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tal-20 ta' Mejju 2009, *VIP Car Solutions vs Il-Parlament* (T-89/07, Ġabra p. II-1403).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *VIP Car Solutions SARL hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 109, 14.4.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2013 — Repsol YPF vs UASI — Ajuntament de Roses (R)

(Kawża T-89/12) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade Komunitarja figurattiva R — Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti R — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2013/C 225/167)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

*Rikorrenti*: Repsol YPF, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Devaureix u L. Montoya Terán, avukati)

*Konvenut*: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI*: Ajuntament de Roses (Roses, Spanja)

### Suġġett

Rikors mid-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Diċembru 2011 (Każ R 1815/2010-2), rigward proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Ajuntament de Roses u Repsol YPF, SA.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Repsol YPF, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 126, 28.4.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Mejju 2013 — Buzil-Werk Wagner vs UASI — Roca Sanitario (Roca)

(Kawża T-115/12) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Roca — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti ROCA u trade mark internazzjonali figurattiva preċedenti Roca — Raġuni relattiva għal rifjut — Xebh tal-prodotti — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2013/C 225/168)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti*: Buzil-Werk Wagner GmbH & Co. KG (Memmingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Waldhauser, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Schneider u M. Lenz, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Roca Sanitario, SA (Barcelona, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Jannar 2012 (Każ R 1907/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Roca Sanitario, SA u Buzil-Werk Wagner GmbH & Co. KG.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Buzil-Werk Wagner GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 157, 2.6.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ġunju 2013 — Interroll vs UASI (Inspired by efficiency)

(Kawża T-126/12) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Inspired by efficiency — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 225/169)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Interroll Holding AG (Sant'Antonino, l-Isvizzera) (rappreżentanti: R. Böhm u N. Ehlers, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

### Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Jannar 2012 (Każ R 1280/2011-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjala verbali Inspired by efficiency bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Interroll Holding AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 157, 2.6.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Ġunju 2013 — HTTS vs Il-Kunsill

(Kawżi magħquda T-128/12 u T-182/12) (<sup>1</sup>)

(“Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati kontra l-Iran bħala prevenzjoni mill-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Żball manifest ta' evalwazzjoni”)

(2013/C 225/170)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Kienzle, M. Schlingmann u F. Lautenschlager, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment M. Bishop, Z. Kupčová u F. Naert, u sussegwentement minn M. Bishop u Z. Kupčová, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut (Kawża T-182/12): Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: inizjalment J. Möller, T. Henze u N. Graf Vitzthum, u sussegwentement minn J. Möller u T. Henze, aġenti)

### Suġġett

Fil-Kawża T-128/12, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK, tat-23 ta' Jannar 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 19, p. 22), sa fejn din inkludiet lir-rikorrenti, għal raġunijiet ġodda fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 195, p. 39), kif ukoll ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, (ĠU L 19, p. 1), sa fejn dan inkluda lir-rikorrenti għal raġunijiet ġodda fl-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU L 281, p. 1), u, fil-Kawża T-182/12, talba għall-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1), sa fejn dan żamm isem ir-rikorrenti fil-lista tal-persuni, korpi u entitajiet li għandhom il-beni tagħhom iffriżati.

### Dispożittiv

(1) Il-Kawżi T-128/12 u T-182/12 ġew magħquda għall-finijiet ta' din is-sentenza.

(2) Fil-kawża T-128/12, ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba intiża għall-annullament tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 54/2012, tat-23 ta' Jannar 2012, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, f'dak li jikkonċerna lil HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH.